# DAWRA KULTURALI MAL-PORT IL-KBIR (8)



JOSEPH SERRACINO



Veduta tal-Fran tal-Flotta Ingliża (bejn wieħed u ieħor fl-1950)



Il-Mużew Marittimu

Inkomplu għaddejjin biddawra kulturali tagħna billi nduru mal-blat ta' taħt il-Forti Sant'Anġlu u nidħlu fit-tielet daħla tal-Port il-Kbir – Dockyard Creek, antikament magħrufa bħala Port ix-Xwieni.

L-istoriċi jgħidulna, li t-tlett ibliet tal-Kottonera huma mużew ħaj tal-Patrimonju Nazzjonali – wirt li għadda lilna minn ġenerazzjonijiet ta' qabilna u li permezz tiegħu sirna nafu l-kobor u l-isbuħija tal-istorja kulturali ta' pajjiżna.

Minn din it-taqsima se nibdew id-dawra tagħna max-xtut ta' dawn l-ibliet antiki li huma rikki ħafna f'dik li hi storja, drawwiet w użanzi. Meta l-istoriċi tagħna jitkellmu dwar l-ibliet tal-Kottonera, isostnu li kull bini antik li għadu jeżisti fihom għandu l-istorja tiegħu.

Sfortunatament, kif jiġri dejjem, minħabba nuqqas ta' spazju li għandi għad-dispożizzjoni tiegħi jagħmilha diffiċli ħafna li nsemmihom kollha, għalhekk se nillimita ruħi li nitkellem biss fuq dawk is-siti storiċi jew ta' interess partikolari li jidhru minn fuq il-lanċa tat-turisti aħna u nduru ma' din id-daħla pittoreska.

M'hemmx l-iċken dubju, li d-dehra tad-daħla kennija ta' Dockyard Creek mill-ewwel iddaħħalna fl-Istorja ta' pajjiżna. Il-Forti Sant' Anġlu jiddomina l-Ponta tal- Birgu (Belt Vittoriosa) fuq naħa, il-Gardjola u s-swar tal-Isla (Belt Invicta) fuq in-naħa l-oħra, u f'nofshom, xena pittoreska mill-isbaħ ta' Bormla (Belt Cospicua) li tgħaqqadhom flimkien bħal tliet 'aħwa' wara katina ta' swar majjestużi magħrufin bħala Tal-Kottoner. Tħares lejn dawn it-tlett ibliet mill-Barrakka ta' Fuq, mill-ewwel jgħaddilek il-ħsieb li quddiemek għandek stampa reali tal-istorja kulturali, soċjali u forklorista ta' pajjiżna, u tabilħaqq hu hekk, għax kif aċċennajt qabel, kull triq antika ta' dawn ibliet antiki għandha l-istorja tagħha, u f'kull waħda minnhom, l-aktar fil-Birgu, għandek isib djar li jmorru lura sal-Assedju l-Kbir (1565).

Sfortunatament ma nistgħux ngħidu l-istess għall-Isla u Bormla, għax ħafna mid-djar antiki (l-aktar fl-Isla) iġġarrfu bil-bombi talgħadu fit-Tieni Gwerra Dinjija. Madankollu, kemm fl-Isla u f'Bormla nsibu wkoll djar kbar u sbieħ (waħdiet) f'xi toroq li fortunatament ħelsuha mill-bombi qerrieda, u li xi wħud minnhom għandhom madwar 300 sena u aktar. Fid-dawra tagħna f'Daħlet ix-Xwieni, se ninżlu matul ix-Xatt ta' San Lawrenz (Xatt ir-Risq), ngħaddu minn quddiem il-knisja ta' Santa Tereża, nduru minn quddiem il-Baċir Numru Wieħed ta' Bormla, nibqgħu telgħin max-Xatt tal-Imħażen tal-Ordni, il-Maċina (illum 5 *star Boutique Hotel*), nagħtu ħarsa lejn ix-xatt sabiħ tal-Isla u ntemmu d-dawra tagħna f'din id-daħla storika taħt il-Ġnien tal-Gardjola jew il-Ponta tal-Isla. B'hekk ikunu missejna storikament it-tlett ibliet tal-Kottonera.

Nibda biex ngħid li l-baħar li jaħsel ix-xtut tat-tlett ibliet li jħaddan Dockyard Creek fl-antik kien jidħol ħafna aktar 'il ġewwa milli kif narawh illum sal-Baċir ta' Bormla. Fil-fatt kien jasal sal-Pjazza Gavino Gulia, illum, f'nofsha naraw l-istatwa sabiħa tal-Immakulata.

Jingħad ukoll li qabel ma nbena l-Baċir Numru Wieħed tat-Tarzna (1843), wieħed seta' faċilment jagħmel passiġġata max-xtut tat-tlett ibliet tal-Kottonera liberament, anke jekk mal-milja taż-żmien f'diversi partijiet ta' dawn ix-xtut infetħu xi tarzni żgħar.

Ċertament li ħafna mill-bini storiku li naraw matul dawn ix-xtut inbnew f'epoki differenti, kemm fi żmien il-ħakma tal-Ordni tal-Kavallieri, u oħrajn fiż-żmien l-Ingliżi. Kif nafu l-eqdem belt fil-Kottonera hi l-Birgu, u għalhekk l-eqdem parroċċa fosthom (1090). Fil-fatt, il-parroċċi tal-Isla (it-tieni belt tal-Kottonera) u Bormla li saret belt aktar tard (1722) ħarġu minnha. Waqt li l-patrun tal-Birgu hu San Lawrenz li l-festa tiegħu tiġi ċċelebrata bil-kbir fl-10 ta' Awwissu, u li antikament (1821) f'nharha ġieli saru t-tiġrijiet tad-dgħajjes, il-festa titulari tal-parroċċa ta' Senglea (1581) hi ddedikata lil Santa Marija tal-Vitorja li ssir nhar it-8 ta' Settembru (Jum Nazzjonali) magħrufa aktar bħala l-Vitorja jew il-Bambina, u li kif nafu, ta' kull sena, f'dan il-jum issir ir-Regatta Nazzjonali fil-Port il-Kbir.

Jingħad li l-parroċċa ta' Bormla (1584) antikament kienet iddedikata lil Santa Marija tas-Sokkors, iżda l-istoriku Bormliż Charles Galea Scannura jgħidilna li mill-bidu tat-twaqqif tagħha, kienet iddedikata lill-Immakulata Kunċizzjoni, li l-festa tagħha tiġi ċċelebrata ta' kull sena nhar it- 8 ta' Diċembru fost entużjażmu kbir mill-Bormliżi u d-devoti ta' Marija.

Waqt li l-Birgu hu meqjus bħala monument ħaj ta' storja minħabba s-siti storiċi li jħaddan fih, u li xi wħud minnhom għadhom jitgawdew mill-poplu tagħna għax jistgħu jżuruhom, insibu oħrajn li qegħdin f'idejn il-privat. Il-Birgu, minkejja belt ċkejkna u antika, matul is-sena jsiru diversi attivitajiet kulturali li għalihom jattendu eluf kbar ta' nies minn Malta kollha, fosthom Birgu Fest li mas-snin ġie inkorporat miegħu "Birgu by Candlelight" li ssir fil-bidu ta' Ottubru ta' kull sena. Bormla wkoll għandha attivitajiet kulturali u soċjali tagħha li jsiru ta' kull sena madwar il-Baċir ta' Bormla, fosthom Jum 19 ta' Novembru (tifkira tal-Pelligrinaġġ Nazzjonali li kien sar fl-1944 minn Birkirkara sa Bormla bl-istatwa u l-kwadru titulari bix-xbieha tal-Madonna kkurunata b'kuruna tad-deheb u ħaġar prezzjuż), waqt li Senglea (l-Isla) jorganizzaw bil-kbir is-Senglea Maritime Festival. Barra dawn, it-tlett ibliet jorganizzaw diversi attivitajiet soċjali u kulturali oħra matul is-sena.

Sintendi, barra s-siti storiċi li aħna naraw mil-lanċa matul ix-xtut tat-tlett ibliet, naraw ukoll siti oħra storiċi u postijiet ta' interess partikulari. U bħalma semmejna dawk tal-Birgu, hekk ukoll se nsemmu dawk li jsibu fiż-żewġt ibliet ġirien tiegħu. Interessanti hu l-fatt li sa mill-ibagħad żminijiet, din il-firxa art, kemm fuq in-naħa tal-Birgu u anke wara l-Isla, minn dejjem kellha rabtiet kbar mal-baħar partikularment mat-tarznari. Fl-1538 il-kavallieri ħadu dawn in-naħiet biex jibnu tarzna kbira li tlestiet fl-1542, u fost l-iġfna ewlenin li nbnew fiha kien hemm il-kapitana "Santa Marija delle Vittorie." Fl-1636 din it-tarzna tkabbret bi skal ieħor biex ikun jista' jsir aktar xogħol. Fil-fatt l-istoriċi jgħidulna li bejn l-1671 u l-1675 din it-tarzna kellha ordnijiet għall-bini ta' żewġ galeri u xwieni oħra. Aktar tard l-Ordni (1776) ħasset il-ħtieġa li tkabbar din it-tarzna billi nbnew imħażen kbar wara l-Isla, fil-viċinanzi tal-Melita Slip (li sa 30 sena ilu kienet għadha teżisti fit-tarzna) biex fihom jinbnew xwieni akbar li setgħu jintużaw għall-ġarr tal-merkanzija.

*jissokta f'ħarġa oħra*



Dehra sabiha tal-Forti Sant'Anġlu u l-Birgu